27 ta' Novembru 2019
128/2019

## 138 PERSUNA JIGGRADWAW MILL-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI

138 persuna temmew b'suċċess wieħed mill-14-il kors li ġew offruti matul l-aħħar sena akkademika mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali flimkien ma' entitajiet oħra tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Iċ-ċerimonja annwali tal-gradwazzjoni saret nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru 2019, fil-knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana, u tmexxiet mill-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi. Iċ-ċerimonja bdiet b'Quddiesa ta' ringrazzjament u wara saret il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati.

Il-korsijiet li temmew il-parteċipanti kienu fl-oqsma tal-familja, it-teoloġija, l-istorja tal-Knisja f'Malta, il-kura pastorali fl-iskejjel, id-dimensjoni spiritwali fil-kura tas-saħħa, l-għeruq tal-fidi nisranija fil-Ġudaiżmu, il-ħidma mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ, l-istudji fl-ispiritwalità Franġiskana, Karmelitana, Injazjana u l-Akkumpanjament Spiritwali. Il-korsijiet jaqgħu taħt ir-raba', il-ħames u s-sitt livell tal-Malta Qualifications Framework (MQF) u tal-European Qualifications Framework (EQF).

L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali din is-sena beda l-14-il sena ta' ħidma, u din kienet it-13-il ċerimonja ta' gradwazzjoni. L-Istitut twaqqaf fl-2005 biex iwieġeb għas-sejħa li ħarġet mis-Sinodu Djoċesan li joffri formazzjoni lill-Insara li jixtiequ jinżlu aktar fil-fond fl-għarfien tal-fidi u jagħtu kontribut aħjar fil-Knisja u fis-soċjetà.

Fis-sena akkademika preżenti, l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali u diversi entitajiet formattivi oħra fil-Knisja qed joffru 12 il-kors differenti. Fost dawn hemm il-kors dwar il-Ministeru Pastorali tal-Familja li ser jibda fis-16 ta' Jannar, l-Iskopertà tal-Fidi permezz tal-Arti li ser jibda fil-21 ta' Jannar u l-kors dwar l-Iżvilupp tar-Responsabbiltà Ambjentali li ser jibda fis-16 ta' Frar 2020. Għal dawn il-korsijiet qed jattendu madwar 150 parteċipant.

Għal iktar informazzjoni dwar il-korsijiet żur www.maltapfi.org.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**